MELLIEĦA

MINUTI

**KUNSILL LOKALI TAL-MELLIEĦA**

**IT-TMIEN KUNSILL**

SEDUTA NRU. 3

12 ta' Awwissu 2019

Minuti tas-seduta Nru. 3 tal-Kunsill Lokali tal-Mellieħa li saret fl-Uffiċċju Amministrattiv tal-Kunsill, f'Numru 126, Triq il-Mitħna l-Ġdida, Mellieħa, nhar it-Tnejn, 12 ta' Awwissu 2019 fis-6.00 pm.

## Attendenza u qari ta' ittri ta' apoloġiji

Il-Kunsillieri kollha kienu preżenti.

Is-Segretarju Eżekuttiv C. Debono rreġistra l-minuti, filwaqt li s-seduta ġiet trażmessa direttament bl-internet.

## Talba

It-talba ntqalet mis-Sindku D. Vella.

## 1.1. Minuti

1.2. Il-Kunsillier M. Abela ġibed l-attenzjoni għall-minuta 10.1**. (Ref: T/3/3/Vol IV)** tas-seduta preċedenti u qal ma kienx hemm qbil fil-Kunsill dwar il-mod kif ġie kostitwit il-Kumitat u għalhekk talab li l-minuti jiġu emendati f'dan is-sens.

1.3. Il-Kunsillier G. Micallef qal li fil-fatt il-ħtieġa tal-inklużjoni tal-Kunsillier M. Abela fil-Kumitat kienet ġiet spjegata f'imejl datat 18 ta' Lulju 2019, li huwa bgħat lill-membri kollha tal-Kunsill. Fl-istess imejl, is-Sur Abela kien talab li għallinqas għandu jattendi meta jiġi diskuss l-impatt tat-traffiku fuq is-settur kummerċjali

1.4. Il-Viċi Sindku J. Buttigieg qal li l-iskop tal-Kumitat huwa limitat għall-immaniġġjar tat-traffiku, filwaqt li l-komunità kummerċjali hija aspett wieħed li l-istess Kumitat irid jittratta. Huwa kompla jgħid li d-deċiżjoni ttieħdet bir-raġunar li meta dan l-aspett jiġi trattat mill-Kumitat, il-Kunsillier M. Abela jipparteċipa fid-diskussjoni.

1.5. Il-Kunsill ma qabilx ma' l-emenda skont il-minuta 1.2 aktar 'il fuq.

1.6. Il-minuti tas-seduta Nru. 2 tas-16 ta' Lulju 2019 ġew approvati mingħajr emendi. Kien hemm qbil li dawn għandhom jiġu ppubblikati fis-sit elettroniku https://localgovernmentcms.gov.mt/en/lc/Mellieha/Pages/Publications/Minutes.aspx

## 2.0. Materji Mqajma mill-Minuti

### 2.1.1. Sewqan perikoluż fi Triq Għajn Żejtuna (T/3/2/Vol XV)

2.1.2. Is-Segretarju rrefera għal minuta 5.6.1. tas-seduta preċedenti u għarraf li tqassmu 15-il kwestjonarju lir-residenti li joqgħodu bejn Triq il-Pont u l-kurva ta' fuq fl-*S-bend* ta' Triq Għajn Żejtuna. Dawn ġew mistoqsija dwar jekk jaqblux li jsiru *speed humps* fil-postijiet indikati mill-Kunsill. Sad-data tas-seduta wieġbu sitta, fejn erba' qalu li jaqblu illi jsiru l-*humps*, filwaqt li wieħed wieġeb li ma jaqbilx, minħabba l-ħsejjes li dawn jiġġeneraw. Tnejn minn fost dawk jaqblu mal-i*speed humps* qalu li għandhom riżervi għall-postijiet indikati mill-Kunsill.

2.1.3. Il-Kunsillier E. Bartolo kkummenta li dan ir-rispons ma jagħtix stampa ċara ta' xi jridu r-residenti, bħalma ġara fil-parti ta' fuq fl-istess triq meta sar eżerċizzju simili.

2.1.4. Il-Kunsillier I. Castillo ppropona li jitwalu d-*double yellow lines* mill-kantuniera ma' Triq iż-Żebbuġ, billi minn ikun tielgħa qed ikollu isuq fil-karreġġjata opposta.

2.1.5. Il-Kunsill kien tal-fehma li għandu jinżamm l-arranġament attwali, filwaqt li jsiru *roundels* bil-limitu tal-veloċità applikabbli għall-istess triq, kif ukoll tiġi attwata l-proposta skont il-minuta 2.1.4. aktar 'il fuq.

### 2.2.1. Taħditiet edukattivi dwar is-saħħa (A/1/1/Vol II)

2.2.2. Il-Kunsilliera A. Brincat Stellini rreferiet għall-minuta 5.26.1. tas-seduta ta' qabel dwar it-taħditiet imsemmija hawn fuq, li ser jibdew minn Settembru 2019. Hija għarrfet li kkuntattjat lid-diriġenti taċ-Ċentru ta' Matul il-Jum, li minn naħa tagħhom aċċettaw li t-taħditiet isuru fiċ-Ċentru ta' Matul il-Jum.

2.2.3. Il-Kunsill innota t-tagħrif mogħti.

### 2.3.1. Serata mużiko-letterarja (P/3/5)

2.3.2. Il-Kunsilliera A. Brincat Stellini rreferiet għall-minuta 5.27.1. tas-seduta preċedenti dwar is-suġġett t'hawn fuq. Hija qalet li t-test letterarju, kif ukoll ir-ritratti huma lesti għall-pubblikazzjoni

2.3.3. Il-Kunsillier I. Castillo ppropona li kemm-il darba l-Kunsill japprova l-pubblikazzjoni tax-xogħol imsemmi, għandu jitħejja materjal infografiku sabiex tingħata promozzjoni u l-pubbliku jkun infurmat dwaru minn qabel l-istampar.

2.3.4. Il-Kunsill qabel mal-pubblikazzjoni tax-xogħol fl-2020 bħala parti mil-Ħannieqa Kotba Melleħin, kif ukoll laqa' il-proposta mressqa skont il-minuta 5.27.3.

### 2.4.1. Attivitajiet ippjanati (A/1/1/Vol II)(A/5/3/Vol XII)

2.4.2. Il-Kunsillier E. Bartolo rrefera għall-minuta 5.23.4. tas-seduta ta' qabel u qal li l-*Christmas Market* bejn id-9 u l-12 ta' Diċembru 2019 ippjanat li jseħħ fl-Iskola Primarja, ser jidħol f'kompetizzjoni ma' attività simili li tkun għaddejja dak iż-żmien, u għalhekk wieħed għandu jara li dan jiġi evitat.

2.4.3. Il-Kunsill innota l-punt imqajjem.

### 2.5.1. Inizjattivi mir-Reġjun Tramuntana (E/3/1/Vol III)

2.5.2. Il-Viċi Sindku J. Buttigieg irrefera għall-minuta 5.13.1. tas-seduta preċedenti u aċċenna li għall-kors illi qed jorganizza mir-Reġjun Tramuntana dwar il-Kura tat-Tfal, kien hemm diversi talbiet biex dan jiġi estiż għal persuni 'il fuq minn 30 sena. Huwa fakkar li l-applikazzjonijiet għandhom isiru direttament mar-Reġjun.

2.5.3. Il-Kunsill innota t-tagħrif mogħti.

**2.6.1. Periklu fi Triq il-Knisja l-Qadima fil-Manikata** **(T/3/2/Vol XV)**

2.6.2. Is-Segretarju rrefera għall-minuta 5.3.1. tas-seduta preċedenti dwar l-introduzzjoni ta' *pedestrian crossing* fi triq imsemmija. Huwa qal li permezz ta' komunikazzjoni bl-*e-forms* datata 19 ta' Lulju 2019 (ref: TM-37-EFD013-9-19), Transport Malta rrifjutat it-talba sabiex issir *pedestrian crossing* fi Triq il-Knisja l-Qadima qrib il-kantuniera ma' Triq il-Biedja.

2.6.3. Kien hemm qbil li għandha titressaq talba lil Transport Malta sabiex issir laqgħa fuq il-post..

**2.7.1. Tħejjijiet għall-Jum il-Kunsill** **(A/5/3/1/Vol XVI)**

2.7.2. Il-Viċi Sindku J. Buttigieg feraħ lill-Kunsilliera A. Brincat Stellini għall-kordinazzjoni tal-attività li fl-opinjoni tiegħu marret kif kien mixtieq. Huwa ġibed l-attenzjoni illi minkejja li l-attività issir fil-beraħ, il-pubbliku in ġenerali għandu jingħata l-opportunità li jattendi u jkollu post bilqiegħda billi jkun hemm numru ta' inviti li jinġabru mill-uffiċċju tal-Kunsill.

2.7.3. Is-Sur J. Buttigieg qal li forsi reġa' wasal iż-żmien sabiex jiġu riveduti l-kriterji li fuqhom jingħataw l-onoreficenzi. Dan isir minn kumitat *ad-hoc*. Għaldaqstant ippropona li dan is-suġġett jitpoġġa fuq l-aġenda tas-seduta li jmiss.

2.7.4. Il-Kunsill approva l-proposti mressqa.

**2.8.1. Tindif volontarju** **(T/6/1Vol IV)**

2.8.2. Il-Kunsilliera R. Bartolo Cutajar irreferiet għall-minuta 5.14.3 tas-seduta ta' qabel dwar it-tindif volontarju li sar fit-8 ta' Awwissu 2019 qrib il-kappella tal-Kunċizzjoni ġewwa l-Aħrax, bis-sehem ta' 45 persuna, inkluż uffiċjali mill-Pulzija tad-Distrett u mit-Tim tal-Pulzija tal-Komunità.

2.8.3. Hija qalet ukoll li saret attività simili fid-19 ta' Awwissu 2019, bejn id-9.00am u l-10.30am, qrib il-kappella ta' Selmun. Din ħadu sehem fiha 30 tifel u tifla li jattendu Skolasajf fl-iskola tal-Mellieħa. Wara, it-tfal żaru ix-Xelters tat-Tieni Gwerra Dinjija. It-trasport ġie pprovdut mill-Kunsill.

2.8.4. Il-Kunsilliera Bartolo Cutajar ipproponiet illi l-inizjattiva li jmiss issir fl-Aħrax tal-Madonna, bħala parti mill-kampanja *Clean Up The World*. Din hija ppjanata li seħħ fil-21 ta' Settembru 2019 mid-9.00am 'il quddiem.

2.8.5. Il-Kunsill innota t-tagħrif mogħti, filwaqt li approva l-proposta skont il-minuta 2.8.4. aktar 'il fuq..

**2.9.1. Tisbiħ fi Triq Sant' Anna** **(P/4/17)**

2.9.2. Il-Kunsillier I. Castillo rrefera għall-minuta 5.12.2 tas-seduta preċedenti u kkummenta li eżatt fil-kantuniera ta' Triq Sant' Anna ma' Triq Ġorġ Borg Olivier tħalliet maduma 'l barra mill-ewwel tarġa', b'tali mod li hija perikoluża.

2.9.3. Il-Kunsill innota l-punt imqajjem sabiex tittieħed azzjoni.

**2.10.1. "*Pink October Campaign 2019*"** **(K/11)**

2.10.2. Il-Kunsillier I. Castillo aċċenna għall-minuta 5.4.1. tas-seduta ta' qabel u ppropona li għall-okkażjoni msemmija hawn fuq, u oħrajn li jiġu organizzati matul is-sena, issir mixgħela bil-kulur magħżul permezz tal-*uplighters* eżistenti li hemm f'Misraħ iż-Żjara tal-Papa Ġwanni Pawlu II. Huwa qal li dan il-post joffri aktar viżibilità u l-effett faċilment jinkiseb permezz ta' *filters* tal-*perspex* ikkulurit.

2.10.3. Il-Kunsill qabel mal-proposta mressqa.

## 3.0. Tweġibiet għall-Mistoqsijiet tal-Kunsillieri

### 3.1.1. Parkeġġ Riżervat għall-Pulizija (T/3/2/Vol XV)

3.1.2. Il-Kunsillier E. Bartolo aċċenna għall-kuntatti li kien hemm riġward il-Pulizija tal-Komunità, fejn kienet saret talba sabiex jiġi pprovdut parkeġġ riżervat għall-vettura tal-Pulizija wara li dawn itemmu x-xogħol tal-ġurnata tagħhom sabiex ikunu jistgħu jħalluha qrib l-għassa.

3.1.3. Il-Kunsill qabel li għandu jiġi pprovdut spazju għal żewġ vetturi tal-Pulizija fi Triq il-Marfa, filwaqt li dak riżervat għal persuni b'diżabilità jmur in-naħa l-oħra tat-triq minflok dak tal-Pulizija. Kien hemm qbil li għandu jiġi pprovdut spazju ieħor għall-vettura tal-Pulizija fil-parkeġġ biswit Ġnejnet il-Kunsill.

## 4.0. Tqegħid ta' Karti

- *Purchase Request Form* – 09/08/19;
- Skeda ta' Infieq li sar permezz tal-*Petty Cash* – 29/06/19 – 22/07/19;
- Skeda ta' Pagamenti – 13/07/19 – 09/08/19;
- Skeda ta' Korrispondenza li waslet;
- Skeda ta' Korrispondenza li ntbagħtet; u
- Ittra ta' Direzzjoni mill-Udituri u abbozz ta' tweġiba għaliha.

## 5.0. Korrispondenza u komunikazzjoni mis-Sindku u l-Kunsillieri

### 5.1.1. Sejħa għall-Offerti MLC 7/2019 (K/6/3/Vol III)

5.1.2. Is-Segretarju għarraf li s-sejħa msemmija għalqet fis-6 ta' Awwissu 2019 u r-rispons għaliha kien kif jidher hawn taħt:

| Offerent | Prezz Globali għal erba' snin mingħajr il-V.A.T. |
|---|---|
| The A Parks Ltd | €132,480.00 |
| Anton Borg | €143,520.00 |
| Mark Taliana Gardening | €237,600.00 |

5.1.3. Is-Sur C. Debono pppropona li l-Kumitat ta' Evalwazzjoni jevalwa s-sottomissjonijiet li saru wara li ssir evalwazzjoni teknika li toħroġ mill-kriterji stabbiliti fil-Linji Gwida Nazzjoni dwar il-*Green Public Procurement*.

5.1.4. Il-Kunsill qabel mal-proposta skont il-minuta 5.1.3.

### 5.2.1. Talba għal-laqgħat mal-Kunsill (T/3/3/Vol IV)(F/1/31)

5.2.2. Saret referenza għall-imejl datat 23 ta' Lulju 2019, fejn l-Onor. C. Bartolo osserva t-twaqqif tal-kumitat imsemmi u bħala Membru Parlamentari tat-12-il Distrett, talab li jiltaqa' miegħu sabiex jesprimi l-ħsibijiet tiegħu dwar is-suġġett.

5.2.3. Talab ukoll laqgħa mal-Kunsill sabiex jiddiskuti l-pjanijiet tal-Kunsill għall-ħames snin li ġejjin.

5.2.4. Kien hemm qbil li l-laqgħa għandha ssir fil-11 ta' Settembru 2019 fis-6.00 pm.

**5.3.1. Kunċert annwali mill-Għaqda tan-Nar Maria Bambina** **(S/6/Vol IV)**

5.3.2. Saret referenza għal imejl datat 7 ta' Awwissu 2019, mibgħut mill-għaqda msemmija, fejn appellaw lill-Kunsill jikkontribwixxi għall-kunċert annwali li ser isir fid-29 ta' Awwissu fi Triq Ġnien Ingraw.

5.3.3. Il-Kunsill laqa' l-appell u talab li jsiru kuntatti sabiex jiġi stabbilit il-mod kif jista' ikun hemm koperazzjoni fl-ispirtu tal-Artiklu 33 (n) u (p) tal-Att Dwar Kunsilli Lokali (Kap. 363). Kien hemm qbil li l-Kunsill m'għandux jikkommetti aktar minn €800 għal din it-talba.

**5.4.1. Użu tal-*multi-purpose court* fil-Park tal-Familja** **(S/4/1/5)**

5.4.2. Sar aċċenn għal imejl datat 21 ta' Lulju 2019 mibgħut mill-Mellieħa Sports Club sabiex is-sezzjoni tal-basketball li għadha kemm issieħbet fi ħdan il-klabb tibda tagħmel użu mill-*multi-purpose court* fil-Park tal-Familja għas-sessjonijiet ta' taħriġ ppjanati li jsiru bejn l-1 ta' Settembru 2019 u t-30 ta' April 2020. Dawn ser isiru nhar ta' Tlieta, u l-Erbgħa bejn il-5.00pm u t-8.00pm, kif ukoll is-Sibtijiet bejn it-8.00am u 11.00am.

5.4.3. Il-Viċi Sindku J. Buttigieg ġibed l-attenzjoni li f'dan l-istadju għandu jiġi stabbilit x'inhi s-sitwazzjoni f'dak li jirrigwarda il-Mellieħa Tritons Sports Club, li waħda mid-dixxiplini prattikati minnha huwa proprju l-basketball. Dawn għandhom tagħmir sportiv li kien ġie mogħti lilhom mill-Gvern permezz tal-Fond għall-Kawżi Ġusti. Apparti l-*court*, il-Mellieħa Tritons kienu qed jagħmlu użu minn kmamar li hemm taħt l-istess *court*.

5.4.4. Il-Kunsillier K. Buttigieg għarraf li l-Mellieħa Sports Club għandu t-tagħmir tiegħu u allura mhux interessat li jagħmel użu minn dak li jappartjeni lill-Mellieħa Tritons.

5.4.5. Il-Kunsillier I. Castillo ppropona li wara l-laqgħa mad-diriġenti tat-Tritons intiża sabiex jiġu stabbiliti l-fatti, għandha tiġi ffissata data sa meta d-*dressing rooms* għandu jiġu żgumbrati

5.4.6. Il-Kunsill qabel li għandha ssir laqgħa mad-diriġenti tal-Mellieħa Triton Sports Club fit-22 ta' Awwissu 2019 fl-4.00 pm.

**5.5.1. PA 6032/19 – Estensjoni tal-bankina fi Triq il-Marfa** **(P/5/8/M)**

5.5.2. Saret referenza għal applikazzjoni li saret mal-Awtorità tal-Ippjanar mill-operatur tal-Luna Holiday Complex sabiex jestendi il-bankina b'2.40 metri għal tul ta' 6.50 metri, bil-għan li jitqiegħdu erba' imwejjed b'erba' siġġijiet kull waħda, flimkien ma' tliet umbrellel.

5.5.4. Il-Kunsill kien tal-fehma li din it-talba toħloq preċedent, li kemm il-darba jiġi ripetut quddiem stabbilimenti oħra fl-istess triq, il-faċilitajiet għall-ipparkjar jonqsu drastikament għad-detriment tal-istess stabbilimenti, kif ukoll għar-residenti.

**5.6.1. Ċaqlieq ta' *bus stop* fi Triq il-Kbira** **(B/6/Vol V)**

5.6.2. Saret referenza għal imejl datat 31 ta' Lulju 2019, mibgħut minn Transport Malta fejn intalab li l-*bus stop* – Pitirross – jitmexxa għal bi dritt Triq Għajn Żejtuna. Dan qed jiġi propost minħabba l-post attwali jinsab qrib wisq fejn riċentement iġġarfet binja.

5.6.3. Il-Kunsill kien tal-fehma li l-*bus stop* in kwistjoni m'għandux ikun qrib il-kurva fi Triq il-Kbira u l-intersezzjoni ma' Triq Għajn Żejtuna, peress li dan iżid l-inċidenza ta' ħabtiet.

**5.7.1. Talba għad-danni – Inċidenti fi Triq il-Qammieħ** **(D/5/Vol II)**

5.7.2. Saret referenza għal talba minn Parts & Transport Ltd rigward danni li huma allegatament sofrew wara li trakk tagħhom Nru. IBT 964 ħabat ma' *bollard* u għadda minn fuqha fil-11 ta' Lulju 2019 fis-6.30am. Qed jgħidu li dan involvihom spiża ta' €350 sabiex inbidel wieħed mit-*tyres* tal-vettura msemmija.

5.7.3. Il-Kunsill innota li l-*bollard* in kwistjoni kienet 'l ġewwa mil-linja l-bajda li tindika l-ġenb tal-karreġġjata. L-istess *bollard* saret biex tipproteġi l-ewwel kamra fl-Għadira Caravan Site li tiġi kantuniera ma' Triq il-Marfa. Fid-dawl ta' dan, il-Kunsill dehrlu li m'għandux iġorr responsabiltà tad-danni sofferti.

### 5.8.1. Tismija ta' toroq (T/4/1/Vol III)

5.8.2. Inqrat ittra datata 2 ta' Awwissu 2019 mibgħuta mill-Onor. R. Cutajar, fejn ipproponа t-tismija ta' toroq sabiex tiġi mfakkra l-memorja ta' Edward Camilleri, Jimmy Muscat u Alfred Borg, minħabba l-kontribut li huma taw lill-Mellieħa.

5.8.3. Il-Viċi Sindku J. Buttigieg aċċenna għall-fatt li permezz ta' ittra datata 29 ta' Marzu 2018, il-Kumitat tat-Tismija tat-Toroq diġa rrifjuta proposta li saret mill-Kunsill sabiex parti minn Triq Qasam Barrani tissemma għal Edward Camilleri. Huwa kkummenta wkoll li l-Kumitat kien ssuġġerixxa li l-*ground* f'Ta' Pennellu jissemma' għaliħ minflok li jkun hemm bdil fl-isem ta' Triq Qasam Barrani. Dwar il-proposta li tissemma' triq għal Alfred Borg, il-Viċi Sindku rrimarka li sa fejn huwa nfurmat, attwalment ma teżisti ebda triq xierqa li għadha bla isem. Minn naħa l-oħra, jara li jekk jintalab il-bdil fl-isem ta' xi triq, il-Kumitat jiddeċiedi bħal fil-każ ta' Triq Qasam Barrani. Is-Sur J. Buttigieg qal ukoll li l-memorja ta' Jimmy Muscat ser tibqa' mfakkra bil-bust ppjanat li jsir f'Misraħ iż-Żjara tal-Papa Ġwanni Pawlu II.

5.8.4. Il-Kunsill kien tal-fehma li għandha tingħata tweġiba fuq l-istess linji tal-minuta 5.8.3. aktar 'il fuq.

### 5.9.1. *Soft area* bejn Triq il-Marlozz u Triq il-Wied Ta' Ruman (K/6/3/Vol III)

5.9.2. Saret referenza għal imejl datat 6 ta' Awwissu 2019, fejn is-sidien ta' appartamenti fil-blokka Ville Michel qed jitolbu l-użufrutt tal-art in kwistjoni bil-għan huma jkunu jistgħu jagħmlu l-manutenzjoni u ż-żamma tal-istess ġnien.

5.9.3. Is-Segretarju ġibed l-attenzjoni li l-Kunsill m'għandu l-ebda titlu fuq l-art in kwistjoni.

5.9.4. Il-Viċi Sindku J. Buttigieg, qal li l-art in kwistjoni baqgħet bħala *soft area* pubblika u għaldaqstant is-sidien qed jirrikorru għand il-Kunsill sabiex jagħti l-*clearance* tiegħu. Huwa qal ukoll li hemm passaġġ fl-istess art li huwa fi stat perikoluż minħabba nuqqas ta' puġġaman. Peress li l-art hija pubblika, l-obbligu li dan isir jaqa' fuq il-Kunsill.

5.9.5. Il-Kunsillier I. Castillo qal li huwa ma jarax problemi sakemm l-assoċjazzjoni tas-sidien jinfurmaw lill-Kunsill minn qabel dwar x'inizjattivi jkunu jixtiequ jieħdu minn żmien għal żmien dwar l-istess *soft area*.

5.9.6. Wara aktar diskussjoni, il-Kunsill ma' sabx oġġezzjoni li l-manutenzjoni ssir mill-assoċjazzjoni tas-sidien tal-appartamenti. Kien hemm qbil li l-Awtorità tal-Artijiet għandha tiġi mgħarrfa dwar dan.

### 5.10.1. Introduzzjoni ta' *Innovation Lab* (K/7)( I/1/3/Vol VI)

5.10.2. Il-Kunsillier I. Castillo ppropona li l-pubbliku jingħata opportunità jressaq idejat innovattivi li jistgħu jitwettqu fil-lokalità tal-Mellieħa. B'dan il-mod, meta jiġu sottomessi numru ta' idejat ez: 75 waħda, jew perjodikament, jingħata rikonoxximent uffiċjali li min ikun ressaq l-aħjar ideja fattibbli. Huwa spjega li dawn is-sottomissjonijiet ikunu jistgħu jsiru permezz tal-sit elettroniku tal-Kunsill u/jew bil-*mobile app* eżistenti tal-Kunsill. Din il-modifika tinvolvi spiża ta' €236.

5.10.3. Il-Kunsill approva l-proposta taħt il-vot 3110 *(I.T. Development Services).*

### 5.11.1. Żvilupp ta *Green Infrastructure* (P/10/34)

5.11.2. Il-Kunsillier I. Castillo rrefera għall-Miżura 4 – *Development of Green Infrastructure – Using Innovative Green Solution* – li tifforma parti mill-Fond Agrikolu Ewropew għall-Iżvilupp

Rurali 2014 – 2020. Huwa ppropona li titressaq proposta dwar proġett li jinvolvi metodi ġodda u innovattivi b'rabta ma' żvilupp ta' inizjattivi ekoloġiċi u infrastrutturali, bil-għan li ttejjeb il-prodott turistiku fil-Mellieħa. Kompla jispjega li l-proġett kollu huwa maqsum f'erba' proposti li flimkien ma jeħtieġux iktar minn nofs ettari ta' art filwaqt, li huma skont il-kriterji stabbiliti.

5.11.3. Il-proposti mressqa huma:

(a) L-Ewwel Inizjattiva – Addotta Siġra u jista' jiġi mplimentat fil-parti tal-Park tal-Familja li attwalment hija blat u bi dritt Triq Pietru Pawl Caruana;

(b) It-Tieni Inizjattiva – *City Tree Bench* li tinvolvi it-tqegħid ta' bankijiet magħmula minn materjal riċikklat li jistgħu jitqiegħdu fil-Park tal-Familja biswit il-*multi-purpose court*;

(c) It-Tielet Inizjattiva – *Living Wall* li jista' jiġi mplimentat fil-parti tal-korsa fil-Park tal-Familja fejn hemm ħajt għoli tal-gagazza; u

(d) Ir-Raba' Iniżjattiva – *Community Garden* fi Gnien il-Qigħan fejn jistgħu jsiru mxietel għas-siġar bil-parteċipazzjoni tat-tfal tal-Iskola Primarja u anzjani residenti f'Dar il-Madonna tal-Mellieħa.

5.11.4. Il-Kunsillier I. Castillo aċċenna li d-data tal-għeluq ta' l-applikazzjonijiet hija t-30 ta' Settembru 2019. Huwa qal li kemm-il darba l-Kunsill japprova l-proġett, huwa ser ikun qed jaħdem mal-Fondazzjoni Grupp Azzjoni Majjistral sabiex titħejja l-formola tal-applikazzjoni.

5.11.5. Il-Kunsill qabel li għandha titressaq l-applikazzjoni proposta.

## 5.12.1. Inizjattivi favur l-indafa F/1/31)

5.12.2. Il-Kunsillier I. Castillo ppropona żewġ iniżjattivi ntiżi sabiex ikun hemm iktar għarfien f'dak li jirrigwarda skart li jispiċċa l-baħar. Huwa spjega li dawn jinvolvu:

(a) Marki biż-żebgħa fit-toroq fejn spralli tal-ilma tax-xita li jkollhom il-kelmiet "Il-baħar jibda minn hawn – Tħammiġx / *The sea starts here – Do not litter*". Dawn isiru permezz tal-mollijiet u żebgħa sabiex il-pubbliku jsir aktar konxju li dak kollu illi jintrema fit-triq jista' jispiċċa fil-baħar u jikkawża dannu ambjentali; u

(b) Twaħħil ta' tabelli li jsiru fil-ramliet b'messaġġi bħal *"Tħalli xejn ħlief il-passi tiegħek fuq ir-ramla / Leave nothing but your footprints on the beach"*. Dawn għall-ewwel għandhom jiġu ntrodotti fil-Bajja tal-Mixquqa (1); f'Paradise Bay (1), u fl-Għadira (4).

5.12.3. Is-Sur Castillo kkummenta li dawn l-inizjattivi jistgħu ma jiswew xejn lill-Kunsill, peress li hemm negożji li lesti jgħinu biex dawn isiru.

5.12.4. Il-Kunsill approva ż-żewġ proposti mressqa.

## 5.13.1. *Bollards* f'Misraħ iż-Żjara tal-Papa Ġwanni Pawlu II (P/4/20/Vol III)

5.13.2. Is-Segretarju aċċenna għall-fatt li waħda mill-*bollards* fil-misraħ imsemmi mhijiex qed tiffunzjona u għaldaqstant inġieb persuna teknika mid-ditta li pprovdiet sabiex din tissewwa. Mill-ispezzjoni li saret irriżulta li din il-*bollard* saritilha ħsara estensiva peress li kellha xaft mgħawweġ, li kkawża ħsara fil-mutur u fil-parti elettronika tiegħu. Jidher li l-ħsara ġiet ikkawżata minn daqqa ta' vettura. Sabiex tissewwa l-ħsara ngħatat stima li tammonta €3,595.46.

5.13.3. Il-Kunsill awtorizza t-tiswija tal-ħsara mill-fornitur tat-tagħmir in kwistjoni, kif ukoll li għandha ssir talba lill-kumpanija tal-assikurazzjoni li tkopri lill-Kunsill kontra dawn it-tip ta' riskji.

**5.14.1. Laqgħa mal-Għaqda tar-Residenti ta' Santa Marija Estate (S/2/Vol V)**

5.14.2. Is-Sindku D. Vella għarraf li fid-29 ta' Lulju 2019 saret laqgħa mal-għaqda msemmija, fejn tqajmu s-suġġetti segwenti:

- Titjib meħtieġ fis-sistema tad-drenaġġ;
- Bini ta' żewġ ġwiebi fi Triq Għajn Żejtuna kantuniera ma' Triq il-Pont u ma' Triq il-Qasab;
- Immaniġġjar tal-ilma tax-xita fit-toroq u fil-Wied ta' Għajn Żejtuna;
- Stat ħażin tal-pont fi Triq il-Pont kantuniera ma' Triq Għajn Żejtuna;
- Tismija uffiċjali tat-turġien kollha li hemm fiż-żona;
- Ingombri fuq bankini;
- Manutenzjoni tat-toroq, *traffic calmers* u manutenzjoni tat-turġien pubbliċi; u
- Finanzjament ta' inizjattivi.

5.14.3. Il-Kunsill innota t-tagħrif mogħti.

**5.15.1. PA 3134/19 - Tigdid ta' PA 4906/10 - Bini ta' kumpless turistiku minflok il-kumpless ta' Hal Ferh (P/5/8/G)**

5.15.2. Is-Sindku għarraf li fl-1 ta' Awwissu 2019 kien hemm is-smiegħ tal-applikazzjoni msemmija mill-Bord tal-Ippjanar. Kienu preżenti wkoll il-Viċi Sindku J. Buttigieg, l-Kunsillieri I. Castillo u K. Buttigieg. Is-Sur D. Vella qal li l-punti li huwa qajjem dwar l-istess smiegħ kienu jitrattaw:

(a) l-aċċess għall-bdiewa li attwalment isir minn Triq in-Naħħalija jitħalla, kemm-il darba Triq il-Kappella tal-Militar issir *two-way*;

(b) l-art meħtieġa biex titwessa' Triq il-Kappella tal-Militar għandha tittieħed mill-area tal-Ħal Ferħ stess u mhux minn art agrikola;

(c) issir parkeġġ formali fl-area allokata lill-Assoċjazzjoni tal-iScouts; u

(d) jsir *traffic impact statement*.

5.15.3. Il-Kunsill innota u approva l-punti mqajma.

**5.16.1. Materji trattati mill-Kumitat Reġjonali (K/6/13)(A/5/5/Vol VII)(M/9/Vol VI)**

5.16.2. Il-Viċi Sindku J. Buttigieg, għarraf li l-Kumitat Reġjonali Tramuntana qed jiddiskuti s-suġġetti segwenti:

- l-introduzzjoni ta' servizz dwar il-ġbir ta' skart li jiġi ġġenerat minn ġonna domestiċi, billi dan attwalment ma jeżistix, minkejja li hawn id-domanda għalih;
- inizjattiva sabiex il-membri eletti kollha tar-Reġjun jagħtu d-demm f'attività li ppjanata li sseħħ fis-6 ta' Ottubru 2019;
- laqgħa għall-membri eletti kollha tar-Reġjun, fejn ikunu jistgħu jsiru proposti mill-istess membri; u
- il-Festival Internazzjonali tal-Korijiet.

5.16.3. Il-Kunsill innota t-tagħrif mogħti.

**5.17.1. *Masterplan* dwar it-tmexxija tal-Park tal-Majjistral (A/4/10)(C/4/Vol IV)**

5.17.2. Il-Viċi Sindku J. Buttigieg aċċenna li attwalment il-Bord tal-Park tal-Majjistral qed jiddiskuti t-tfassil ta' *masterplan* dwar it-tmexxija tal-park permezz ta' konsulenza mill-Università ta' Malta. Bħala Kunsill huwa jixtieq jipproponi li l-pjan ikun jinkludi l-ħolqien ta' mużew dwar

il-produzzjoni tal-melħ u l-għasel fil-binja devoluta lill-Kunsill. Proposta oħra li huwa jixtieq jinkludi fil-*masterplan*, hija l-introduzzjoni ta' *caravan site* f'Tal-Prajjet.

5.17.3. Il-Kunsill ta l-kunsens tiegħu dwar il-proposti mressqa fil-minuta preċedenti.

**5.18.1. Infurzar tar-regolamenti dwar id-depożitu tal-iskart (W/3/Vol XI)**

5.18.2. Is-Sindku rrefera għall-minuta 5.16.1. tas-seduta ta' qabel u għarraf illi hemm l-intenzjoni li l-LESA tagħti servizz ta' monitoraġġ ta' CCTV *cameras* ipprovduti mill-Kunsilli Lokali u għalhekk ser issir laqgħa dwar dan fil-jiem li ġejjin.

5.18.3. Il-Kunsill innota t-tagħrif mogħti.

**5.19.1. Tranżmissjoni tas-seduti tal-Kunsill permezz tal-media soċjali (I/1/3/Vol V)**

5.19.2. Il-Kunsillier G. Micallef ppropona li s-seduti tal-Kunsill għandu jiġu trażmessi permezz tal-Facebook, apparti s-servizz tal-i*streaming* li huwa aċċessibbli mis-sit elettroniku tal-Kunsill.

5.19.3. Il-Kunsill ma sabx oġġezzjoni għal din il-proposta, iżda kien hemm qbil li għandu jinġieb il-kunsens tad-Diviżjoni għall-Gvern Lokali, kif ukoll jiġi stabbilit jekk huwiex teknikament possibbli li dan isir bit-tagħmir eżistenti.

**5.20.1. Restawr tan-niċċa tal-Madonna fil-Marfa (R/2/Vol II)**

5.20.2. Il-Kunsilliera R. Bartolo Cutajar ġibdet l-attenzjoni li n-niċċa msemmija iġġarfet u għalhekk ipproponiet li jinsabu mezzi kif din tinbena mill-ġid. Hija ppreżentat ukoll ritratt li juru kif kienet qabel waqgħet.

5.20.3. Il-Kunsill qabel li għandu jsir *bill of quantities* u stima mill-perit bil-għan li ssir applikazzjoni lill-Awtorità tal-Ippjanar, sabiex il-proġett jitwettaq hekk kif jinstab finanzjament għaliħ.

**5.21.1. *Charging pillars* (V/4)**

5.21.2. Il-Kunsilliera R. Bartolo Cutajar ipproponiet li jiżdied in-numru ta' *charging pillar* għall-vetturi li jaħdmu bil-batterija, billi dak li hemm fi Triq Salvinu Vella, mhux ser ikun biżżejjed ħalli jilqa' id-domanda li ċertament ser ikun hawn fi ftit tas-snin oħra. Għaldaqstant hija ssuġġeriet li jsiru oħrajn fi Triq l-Iżbark tal-Franċiżi u f'Misraħ il-Parroċċa.

5.21.3. Il-Kunsillier E. Bartolo kkummenta li Misraħ il-Parroċċa huwa qrib wisq Triq Salvinu Vella u għalhekk ikun tajjeb li oħrajn ġodda jkun f'distanza itwal minn dak ta' Triq Salvinu Vella. Huwa rrakkomanda li jsir wieħed fil-Manikata.

5.21.4. Is-Segretarju appella lill-Kunsill jikkonsidra proposta sabiex l-Enemalta tofri dawn il-faċilitajiet minn kull fejn għandha s-*substations* tagħha, li huma mxerrda mal-lokalitajiet kollha. B'dan il-mod ma jkunx hemm ħtieġa li jsir tħaffir ta' trinek u tqegħid ta' *cables* fit-toroq.

5.21.5. Il-Kunsill kien tal-fehma li din il-materja teħtieġ aktar diskussjoni.

**5.22.1. *European Mobility Week 2019* (A/4/5/Vol II)**

5.22.2. Il-Kunsilliera R. Bartolo Cutajar irreferiet għall-minuta 5.19.1. tas-seduta preċedenti u ipproponiet li l-Kunsill għandu jissottometti proposta permezz tal-iskema msemmija hawn fuq sabiex jottjeni għotja bil-għan li jittieħdu miżuri konkreti dwar mobilità sostenibbli. Hija spjegat li hemm diversi għażliet li l-Kunsill jista' jressaq proposti dwarhom, fosthom l-introduzzjoni ta' trasport għall-anzjani.

5.22.3. Il-Kunsill qabel li għandha ssir applikazzjoni fuq il-linji mogħtija skont il-minuta 5.22.2 aktar 'il fuq.

## 5.23.1. Kampanja dwar l-impatt tal-bżieżaq u użu ta' tazzi tal-plastik (K/11)

5.23.2. Il-Kunsilliera R. Bartolo Cutajar aċċennat għall-użu tal-bżieżaq waqt il-festa tal-Vitorja, u qalet li l-Kunsill għandu jgħaddi messaġġ lill-pubbliku kontra l-użu tagħhom fl-attivitajiet marbuta magħha.

5.23.3. Il-Viċi Sindku qal li diġa kien sar kuntatt mal-għaqdiet mużikali dwar dan u jidher li l-messaġġ wasal, tant li fl-edizzjoni tal-festa tal-Vitorja 2019 mhux ser jintużaw bżieżaq waqt il-festa.

5.23.4. Is-Sinjura R. Bartolo Cutajar ipproponiet ukoll li l-Kunsill jixtri kwantità ta' tazzi tal-plastik li jistgħu jinħaslu u jintużaw kemm-il darba, partikularment fejn ikun hemm attivitajiet fil-beraħ fejn il-liġi tipprojbixxi l-użu tal-ħġieġ. Dawn jistgħu jinbiegħu, jew jingħataw lil barijiet bil-għan li jiġi mħajjar l-użu tagħhom għal raġunijiet ambjentali.

5.23.5. Wara diskussjoni, il-Kunsill qabel li l-ideja tajba, iżda m'għandux ikun involut fix-xiri tat-tazzi.

## 5.24.1. Ipparkjar fi Triq il-Marfa (T/3/2/Vol XV)

5.24.2. Il-Kunsillier M. Abela qal li huwa ġie avviċinat mill-kuntrattur inkarigat mir-restawr tal-kmamar tas-Santwarju minħabba li qed tinħoloq konġestjoni tat-traffiku meta jintuża makkinarju tal-kostruzzjoni. Dan minħabba li qed jipparkjaw vetturi, kemm man-naħa tal-kmamar, kif ukoll faċċata. Fil-każ tal-aħħar qed jipparkjaw xorta waħda minkejja li bejn Triq il-Madonna tal-Għar u Triq l-Erwieħ mhemmx *parking bays*. Is-Sur M. Abela, ppropona li ssir linja safra fuq in-naħa tal-kmamar b'mod temporanju u linja safra doppja faċċata 'l isfel mill-*parking bays*.

5.24.3. Il-Kunsill kien tal-fehma li m'għandiex isir ebda linja safra quddiem il-kmamar, peress li meta jinħareġ il-permess għall-użu ta' makkinarju tal-kostruzzjoni, jingħataw tabelli biex ma jsirx ipparkjar f'dik in-naħa tat-triq.

## 5.25.1. Puġġaman f'Dawret it-Tunnara (T/3/4)

5.25.2. Il-Kunsillier M. Abela ġibed l-attenzjoni dwar il-ħtieġa li jsir puġġaman, jew xi forma ta' lqugħ ieħor f'Dawret it-Tunnara matul il-parti li tiġi faċċata ta' Triq is-Sajjieda. Huwa kompla jgħid li n-nuqqas ta' puġġaman qed jirrendi t-triq perikoluża bil-vetturi li jkunu għaddejjin, partikularment meta jkun hemm oħrajn pparkjati man-naħa tal-bini.

5.25.3. Il-Kunsill approva s-suġġeriment.

## 5.26.1. Attività għall-emigranti fl-okkażjoni tal-Festa tal-Vitorja (A/5/3/Vol XVI)

5.26.2. Il-Kunsillier G. Micallef ippropona li ssir l-attività msemmija simili għal dawk li jsiru mill-għaqdiet mużikali. Huwa spjega li din tista' issir fis-Sala tal-Kunsill u sservi ta' opportunità biex il-Kunsill jiltaqa' ma' dawn in-nies, kif ukoll tingħata tifkira tal-okkażjoni.

5.26.3. Il-Kunsill kien tal-fehma li ma kienx baqa' żmien għaliex il-festa kienet fil-qrib u għaldaqstant kien hemm qbil li tali attività għandha tiġi kkunsidrata fl-2020, meta jkun hemm provediment għaliha fl-estimi.

## 5.27.1. Manutenzjoni fuq il-Monument tal-Pellegrini (P/4/7/Vol II)

5.27.2. Il-Kunsillier G. Micallef qal li huwa ġie avviċinat dwar il-ħtieġa li l-monument tal-Pellegrini, flimkien mat-taraġ li hemm ma' genbu, jeħtieġu manutenzjoni. Huwa qal ukoll li r-residenti qed jilmentaw minn irwejjaħ tal-urina fl-istess taraġ.

5.27.3. Il-Viċi Sindku J. Buttigieg qal li nxtara l-ġebel tal-qawwi biex jinbidlu t-tarġiet li ġew vandalizzati. Qal ukoll li minn żmien għal żmien isir ħasil tat-taraġ u jiġi ċċekkjat li d-dwal illi hemm fuqu jixgħelu.

**5.28.1. Korsijiet fl-ewwel għajnuna** **(E/3/5)**

5.28.2. Il-Kunsillier G. Micallef għarraf li huwa ġie avviċinat minn infirmier li jaħdem fid-Dipartiment tal-Emerġenza tal-Isptar Mater Dei, li lest jagħti taħriġ ta' madwar erba' siegħat fl-*Automated External Defibrillator (AED)* u *Cardiopulmonary Resuscitation (CPR)*

5.28.3. Il-Kunsill approva l-proposta.

**5.29.1. Attività li tinvolvi l-għaqdiet sportivi** **(S/4/2/Vol lll)**

5.29.2. Il-Kunsillier K. Buttigieg ippropona li fl-14 ta' Settembru 2019 issir attività li tinvolvi l-assoċjazzjonijiet sportivi tal-Mellieħa li tirrikjedi l-użu tal-*multi-purpose court* u l-korsa fil-Park tal-Familja. Kien issuġġerit li fid-*dressing rooms* issir wirja mill-istess għaqdiet, filwaqt li jingħataw l-opportunità jirreġistraw tfal li jixtiequ jipprattikaw xi dixxiplina sportiva. Is-Sur K. Buttigieg ippropona wkoll li parti mill-istess attività jkun *barbecue* li jsir fi Triq Ġuże' Flores, bejn Triq Pietru Pawl Caruana u Triq Toni Pace, li għaliħ ikunu mistiedna jattendu l-Ministru E. Bartolo u s-Segretarju Parlamentari C. Grima, li huma responsabbli mill-isports.

5.29.3. Il-Kunsill approva l-attività.

**5.30.1. Nominazzjonijiet għal premjijiet** **(N/1/Vol II)**

5.30.2. Il-Kunsilliera A. Brincat Stellini għarrfet li l-Kunsill ġie mistieden iressaq nominazzjonijiet għall-Premjijiet segwenti:

- Premju Nazzjonali Dimensja; u
- Premju Anzjanità Attiva;

5.30.3. Is-Sinjura Brincat Stellini pproponiet li għall-Premju Nazzjonali Dimensja tiġi nominata s-Sinjura Carmen Dingli li tieħu ħsieb lill-ommha li għandha d-dimenja, minkejja li hija stess tbagħti mill-marda tal-fibromyalgia.

5.30.4. Fuq proposta tal-Kunsillier G. Micallef ġie ssuġġerit li l-ħaddiema fis-Sezzjoni tad-Dimensja (Orange Grove), li tifforma parti minn Dar il-Madonna tal-Mellieħa, għandhom jiġu nominati għall-istess premju minħabba l-attivitajiet soċjali li jorġanizzaw għall-anzjani u l-qraba tagħhom.

5.30.5. Is-Sinjura A. Brincat Stellini spjegat li l-Premju Anzjanità Attiva huwa mqassam f'diversi taqsimiet, li hija semmiethom waħda, waħda. Hija pproponiet li s-Sur Paul P. Borg jiġi nnominat għall-Premju Anzjanità Akkademika, filwaqt li Mro. Paul Abela jiġi nominat għall-Premju Anzjanità Kulturali.

5.30.6. Il-Kunsill approva n-nomini proposti.

**5.31.1. Kollaborazzjoni mal-Mellieħa Scout Group** **(S/6/Vol IV)**

5.31.2. Il-Kunsilliera A. Brincat Stellini rreferiet għal imejl datat 23 ta' Lulju 2019 mibgħut mill-Mellieħa Scout Group fejn ilmentaw li ma pparteċipawx fl-Iljieli Melleħin, peress li jħossu li l-ħidma tagħhom mhux qed tiġi apprezzata u appoġġjata mill-Kunsill.

5.31.3. Il-Kunsill innota li kull meta jkun hemm talbiet mill-għaqdiet tal-Mellieħa, inkluż mill-iScout,, dawn jintgħataw l-appoġġ kollu possibbli fil-parametri stabbiliti fil-liġi. Ġie nnutat ukoll li fl-aħħar snin kien hemm nuqqas ta' komunikazzjoni f'dan is-sens minn naħa tal-Mellieħa Scout Group.

5.31.4. Kien hemm qbil li għandu jsir kuntatt mad-diriġenti tal-Mellieħa Scout Group bil-għan li tiġi ċċarata s-sitwazzjoni.

### 5.32.1. Proġett – *KNOTS - Knowledge, Not Scepticism* (P/10/1/Vol IV)

5.32.2. Il-Kunsilliera A. Brincat Stellini ġibdet l-attenzjoni li l-konferenza li jmiss parti mill-proġett imsemmi ser issir f'Deryneia, Ċipru bejn il-11 u l-14 ta' Ottubru 2019, fejn jeħtieġ tintbagħat delegazzjoni mill-Mellieħa peress li l-lokalità hija msieħba fil-proġett.

5.32.3. Kien hemm qbil li għandhom jattendu uffiċjal elett, flimkien ma' membru fis-segretarjat tal-Kunsill.

### 5.33.1. Kors fix-xogħol tal-bizzilla (E/3/1/6/Vol II)

5.33.2. Il-Kunsilliera A. Brincat Stellini fakkret li bħalma sar fl-2018, il-Kunsill intalab jipprovdi għalliema sabiex jerġa jsir kors fix-xogħol tal-bizzilla flimkien mal-Ladies Craft Circle.

5.33.3. Il-Kunsill laqa' it-talba.

### 5.34.1. Festi titulari fil-Mellieħa u l-Manikata (F/2/Vol VIII) (F/2/1/Vol I)

5.34.2. Il-Kunsillier A. Brincat Stellini, għarrfet li kif sar fi snin preċedenti, ittieħdet l-inizjattiva sabiex inġabru fi programm wieħed l-attivitajiet kollha esterni marbuta mal-festi ta' San Ġużepp fil-Manikata u dik tal-Vitorja fil-Mellieħa. Hija qalet li dan ser jiġi stampat u mqassam bieb-bieb.

5.34.3. Il-Kunsill innota u approva l-azzjoni li ttieħdet.

### 5.35.1. Servizz ta' Trasport għall-Anzjani li jattendu ċ-Ċentru ta' Matul il-Jum (A/1/2/Vol VII)

5.35.2. Il-Kunsilliera A. Brincat Stellini għarrfet li hija kellha laqgħa mal-persuna nkarigata miċ-Ċentru ta' Matul il-Jum u ddiskutiet il-possibiltà li l-istess faċilità tingħata aktar promozzjoni tal-attivitajiet permezz tal-media soċjali, jew permezz tal-magazin tal-Kunsill.

5.35.3. Is-Sinjura Brincat Stellini qalet li l-*carers* qed isibu problema biex itellgħu u jniżżlu l-anzjani bil-*minibus* li jipprovdi l-Kunsill fi Triq Ġorġ Borg Olivier. Ġie suġġerit minn naħa tad-direzzjoni taċ-ċentru li l-postijiet fejn jitilgħu u jitniżżlu l-anzjani ikunu hekk: Il-Kortin; Triq il-Kbira faċċata ta' Triq in-Naħal; Triq Franġisk Zahra; Triq Ġorġ Borg Olivier kantuniera ma' Triq it-Tonn, Triq Ġorġ Borg Olivier kantuniera ma' Triq Adenau; Triq il-Marfa fl-Għadira.

5.35.4. Il-Viċi Sindku J. Buttigieg qal li l-iktar parti diffiċli fi Triq Ġorġ Borg Olivier hija bejn Triq Sant' Anna u Triq il-Qalb Imqaddsa, iżda biex din tingħeleb jista' isir użu minn Triq il-Kappillan Magri li hija parrallela magħha.

5.35.5. Wara aktar diskussjoni, il-Kunsill iddeċieda li mgħandhomx jinħolqu postijiet fissi, u għaldaqstnt it-transport għandu jmur l-iktar qrib possibbli lejn ir-residenza tal-anzjani. L-unika eċċezzjoni hija Triq Ġorġ Borg Olivier, bejn Triq Sant' Anna u Triq il-Qalba Imqaddsa.

### 5.36.1. Korsijiet ta' tagħlim (E/3/5)( E/3/1/11/Vol II)(E/3/1/Vol III)

5.36.2. Il-Kunsillier A. Brincat Stellini għarrfet li hija ġiet avviċinata minn persuna kwalifikat fl-arti komika, li jixtieq jagħti lezzjonijiet f'dan is-suġġett billi jagħmel użu mis-Sala tal-Kunsill.

5.36.3. Il-Kunsill tenna li din it-talba għandha tintlaqa' biss, kemm-il darba ma jintalabx ħlas mill-għalliem, skont il-*policy* stabbilita.

5.36.4. Is-Sinjura Brincat Stellini qalet ukoll li kien hemm offerta oħra minn għalliema tal-Laughter Yoga, sabiex tagħti lezzjonijiet ta' siegħa darba fix-xahar, mingħajr ħlas, sakemm il-Kunsill ma jitlobx ħlas għall-użu tas-sala.

5.36.5. Il-Kunsill ma sabx oġġezzjoni għall-proposta skont il-minuta 5.36.4. aktar 'il fuq.

5.36.6. Is-Sinjura Brincat Stellini għarfet ukoll li d-Dipartiment tas-Saħħa għandu l-intenzjoni li jsir kors ieħor "Piż Tajjeb Tul Ħajtek" bil-kollaborazzjoni mal-Kunsill.

5.36.7. Il-Kunsill innota t-tagħrif mogħti.

## 5.37.1. Laqgħat ma' ġenituri ta' persuni b'diżabilità (P/8/1)

5.37.2. Il-Kunsillier A. Brincat Stellini qalet li l-intenzjoni tagħha hija li tiltaqa' b'mod regolari mal-ġenituri ta' persuni bi bżonnijiet speċjali bil-għan li l-Kunsill jgħinhom f'affarijiet li jixtiequ jaraw jitwettqu.

5.37.3. Il-Kunsill innota u approva l-proposta.

## 5.38.1. Separazzjoni ta' skart fiż-żoni mhux urbani (K/6/11)

5.38.2. Il-Kunsilliera G. Micallef aċċenna għall-fatt li mhux issir separazzjoni tal-iskart fiż-żoni għall-ikkampjar ġewwa l-Aħrax. Bħala soluzzjoni parzjali huwa ppropona li jkun hemm i-bins għall-iskart riċiklabbli. Huwa kkummenta wkoll li l-infurzar tal-liġi mhux qed isir.

5.38.3. Il-Viċi Sindku J. Buttigieg ikkummenta li l-i-bins huma ntiżi għal żoni residenzjali, filwaqt li jibqa' il-problema tal-boroż il-bojod u s-suwed. Huwa qal li ż-żoni tal-*boathouses* lanqas mhuwa qed issir separazzjoni tal-iskart li mhux riċiklabbli, minkejja li nġibdet l-attenzjoni tal-Wasteserv dwar dan minn naħa tal-Kunsill. Is-Sur J. Buttigieg qal ukoll li l-infurzar tar-regolamenti dwar l-iskart ma jistax isir qabel ma jitwaħħlu t-tabelli li kellhom jitwaħħlu mill-Awtorità tal-Ambjent u r-Riżorsi. Is-Sur J. Buttigieg qal li kien hemm każi l-quddiem il-Qorti tal-Pulizija Gudizzjarja li waqgħu minħabba din ir-raġuni.

## 5.39.1. Projbizzjoni ta' tipjip fil-bajjiet (B/5/Vol IV)

5.39.2. Il-Kunsillier G. Micallef ppropona li l-Kunsill jaħdem fuq l-ideja li jkun żoni fil-bajjiet il-kbar sabiex ma jsir titjip fihom, minħabba l-inkonvenjent li joħolqu għal min ma jpejjipx, kif ukoll biex tonqos il-kwantità ta' *filters* li jkun hemm fir-ramel.

5.39.3. Il-Kunsillier A. Brincat Stellini qalet li l-ideja hija tajba, pero' jkun aħjar li tinbeda f'xi bajja żgħira fejn l-infurżar ikun iktar possibbli. Hija kompliet tgħid li minn naħa l-oħra din tista' toħloq diżgwid mal-operaturi ta' stabbilimenti għaliex iqisuha li xxekkel in-negozju, iktar u iktar, jekk ma tkunx infurzata fil-bajjiet kollha.

5.39.4. Il-Kunsillier I. Castillo qal li tali miżura jkun aħjar jekk tiġi ntrodotta f'bajja kbira bħalma hi l-Għadira, fejn huwa aktar faċli li tiġi ndikata żona fejn it-tipjip ikun ristrett.

5.39.5. Il-Kunsill kien tal-fehma li din il-proposta tirrekjedi aktar diskussjoni dwar l-impatt li tħalli, kif ukoll minħabba t-tibdil leġislattiv li tinvolvi.

## 6.1. Proġett pilota dwar il-Pulizija tal-Komunità (P/9/4)

6.2. Is-Seduta ġiet sospiża sabiex isiru nterventi mill-konsulent is-Sur Christopher Bull u s-Surġent Gabria Gatt dwar is-suġġett t'hawn fuq.

6.3. Is-Sur C. Bull u s-Surġent G. Gatt spjegaw il-kunċett wara din l-inizjattiva li huwa ntiż sabiex il-Pulizija tkun aktar integrata fil-ħajja ta' kuljum tal-lokalità, u tkun proattiva biex tipprevjeni li jiġru ċerti abbużi u anke l-kriminalità. S'issa l-Pulizija qed tirrejaġixxi wara li dawn l-affarijiet jiġru. Kienet magħmula ċara li t-twaqqif ta' uffiċċju għall-Pulzija tal-Komunità bl-ebda mod mhuwa ser jagħmel ix-xogħol li jsir f'għassa.

6.4. Is-Surġent G. Gatt spjegat li l-lokalità nqassmet fi tliet żoni – Tramuntana u Lvant; in-Nofsinhar; u l-parti Ċentrali. Dawn huma responsabbli tliet uffiċjali fi grad ta' kuntistabbli u mmexxija minn surġent.

6.5. Il-Kunsillier I. Castillo staqsa dwar x'faċilitajiet għandu l-pubbliku biex jagħmel kuntatt mat-tim ta' erba' pulizija li ser ikunu stazzjonati fl-uffiċċju tal-Kunsill. Staqsa wkoll jekk ittieħidx in konsiderazzjoni iż-żieda staġjonali fil-popolazzjoni tal-lokalità.

6.6. Is-Sur C. Bull wieġeb li l-Mellieħa intgħażlet għall-proġett pilota billi hija lokalità li tkopri l-ispettru kollu ta' l-esiġenzi li jitolbu l-lokalitajiet Maltin. Iċ-ċaqlieq demografiku skont l-istaġun huwa wieħed mill-aspetti li ttieħdu in konserazzjoni u għalhekk ser ikun qed jingħata attenzjoni. Huwa qal ukoll li l-pubbliku jista' jikkuntattja lit-tim permezz tal-imejl: cpt.mellieha@gov.mt jew permezz tal-telefon 7920 3172.

6.7. Il-Kunsillier E. Bartolo ppropona li l-membri tat-tim għandhom ikollhom uniformi distintiva, sabiex il-pubbliku waħdu jagħmel distinzjoni bejn ir-rwol tradizzjonali tal-Pulizija tal-għassa u dak li ngħata lill-Pulizija tal-Komunità.

6.8. Is-Sur C. Bull wieġeb li mhuwiex maħsub li l-membri tat-tim jingħataw uniformi differenti.

6.9. Il-Viċi Sindku J. Buttigieg qal li f'dan l-istadju huwa importanti ħafna li l-pubbliku jsir konxju dwar l-eżistenzi tas-servizz, u l-enfasi għandha tkun fuq l-edukazzjoni ħalli l-Pulizija tal-Komunità u b'hekk ma tinħoloqx il-perċezzjoni fir-rigward tal-Uffiċjali tal-Komunità (LESA) li f'għajnejn in-nies qegħdin hemm biex jagħtu ċ-ċitazzjonijiet.

6.10. Il-Kunsilliera R. Bartolo Cutajar staqsiet dwar jekk it-tim huwiex ser ikun involut f'indafa pubblika fejn jeżisti nuqqas kbir ta' infurzar tar-regolamenti.

6.11. Il-Kunsilliera A. Brincat Stellini kkummentat li din l-inizjattiva qed tmur lura lejn il-kunċett tal-passat, fejn il-kuntistabbli tar-raħal kien jaf lil kulħadd u li minn naħa l-oħra r-residenti kellhom fiduċja fih u kienu jirrikorru lejh għall-għajnuna.

6.12. Is-Sur C. Bull qal li l-fattur tal-indafa pubblika qed jokkupa parti sostanzjali mill-ħin tat-tim. Forsi iktar minn aspetti oħra li huwa kellu f'moħħu bħala konsulent fuq il-proġett. Milli qed jara, jeħtieġ li l-proġett ikun imfassal fuq tliet binarji, ossija li r-residenti jiġu edukati, imwissija, u finalment ikun hemm infurzar tar-regolamenti.

6.13. Il-Kunsillier G. Micallef, qal li bħala Kunsill għandu jsir aktar użu mill-media soċjali sabiex il-pubbliku jiġi mfiehem il-kunċett wara l-Pulizija tal-Komunità. Huwa qal li jkun dispost li jipprepara xi ħaġa f'dan ir-rigward, filwaqt li ppropona li ssir kampanja ta' ġimgħa għal dan il-għan.

## 7.1. Ittra ta' Direzzjoni mill-Udituri fuq l-operat tal-Kunsill matul l-2018

**(F/1/2/Vol IX)**

7.2. Is-Segretarju rrefera għall-Ittra ta' Direzzjoni (*Managment Letter*) mibgħuta mill-udituri għas-Sena Finanzjarja 2018, kif ukoll għall-abbozz tat-tweġiba mħejjija minnu, liema dokumenti ntbagħtu lil kull kunsillier qabel is-seduta.

7.3. Is-Sur C. Debono qal li l-iktar punti notevoli, illi m'humiex ta' natura teknika fl-ittra ta' direzzjoni, kienu jirrigwardaw il-punti li ġejjin:

(a) Paragrafu 4.1 - Nefqa fuq l-attivitajiet marbuta ma' Jum il-Kunsill mhux skont il-linji gwida stabbiliti fil-Memos 122/2010, kif emendata 8/2011;

(b) Paragrafu 4.4 – Infieq fuq attivitajiet soċjo-kulturali għad-detriment ta' obbligi statutorji marbuta mal-infrastruttura; u

(c) Paragrafu 7.1. – Bilanċ ta' €144,207.79 li għadu dovut lill-Kunsill minn Transport b'rabta mar-rikostruzzjoni ta' Triq il-Qortin.

7.4. Is-Sur C. Debono rrefera għal-Paragrafu 4.1 u tenna li l-Memos 122/2010 u 8/2011 qed jiġu nterpretati persistentement b'mod skorrett fir-rigward ta' Jum il-Kunsill, fis-sens li dawn ma jirrigwardawx spejjeż li jsiru fuq attivitajiet soċjali. Fl-edizzjoni ta' Jum il-Kunsill 2018 l-

ispiża minfuqa fuq ikel u xorb kienet 11% tal-ispiża totali minfuqa fuq dan l-avveniment li kienet tammonta għal €6,163.

7.5. Fir-rigward tal-Paragrafu 4.4, ġie spjegat li matul is-snin dejjem inżamm proporzjoni raġġjonevoli bejn attivitajiet kulturali u titjib fl-infrastruttura tat-toroq, tant li fl-2018 dan l-obbligu statutorju ċertament li ma ġiet abbandunat, billi l-Kunsill nefaq kważi €500,000 fuq proġetti kapitali. Apparti dan in-nefqa fuq attivitajiet socjo-kulturali kienet inqas minn 10% tal-allokazzjoni annwali mill-Gvern Ċentrali. Dan il-persentaġġ ma jinkludix fondi oħra li jingħataw permezz ta' skemi mnedija apposta mill-Gvern Ċentrali u sorsi oħra.

7.6. Rigward il-Paragrafu 7.1, kien spjegat li l-Kunsill qed jagħmel pressjoni fuq il-kuntrattur konċernat sabiex jagħlaq din il-materja mingħajr dewmien. Ġie spjegat li fit-2 ta' Mejju 2017 l-Kunsill daħal fi ftehim mat-Trasport Malta dwar ix-xogħlijiet ta' Triq il-Qortin, li kopja tiegħu ngħatat lill-awditur waqt il-verifika. It-tilwima bejn il-kuntrattur u l-Korporazzjoni għas-Servizzi tal-Ilma, hija dwar il-kwantitajiet relatati mal-bdil tal-*mains* tal-ilma. Hekk kif din tiġi riżolta, il-Kunsill ikun f'pożizzjoni li jħallas lill-kuntrattur hekk kif jirċievi l-ħlas minn Infrastructure Malta

7.7. Wara diskussjoni fuq il-punti mressqa, il-Kunsill approva t-tweġiba għall-ittra ta' direzzjoni, skont l-abbozz imressaq.

## 8.1. Impjieg ta' uffiċjal klerikali fi Skala 15 **(P/7/1/Vol XI)**

8.2. Il-Kunsill ġie mgħarraf li l-Aġenzija Jobsplus tat il-permess tagħha sabiex issir sejħa pubblika, kif ukoll għaddiet it-tieni lista' ta' persuni li qed jirreġistraw għax-xogħol. Permezz ta' dan, sitt persuni bagħtu il-*curriculum vita* tagħhom sabiex jiġu ntervistati.

8.3. Il-Kunsill iddeċieda li jitwaqqaf bord ta' intervista li jkun kompost mis-Sindku D. Vella, il-Viċi Sindku J. Buttigieg, il-Kunsillier E. Bartolo, u s-Segretarju Eżekuttiv C. Debono. Ġie deċiż ukoll li l-intervisti jsiru fil-21 ta' Awwissu 2019 bejn is-4.30pm u l-5.45pm.

## 9.1. Kunsiderazzjoni u Approvazzjoni tal-Iskedi dwar l-Akkwist u tal-Pagamenti

9.2. Ġiet imressqa *Purchase Request Form* datata 9 ta' Awwissu 2019.

9.3. Kien hemm qbil dwar il-ħruġ tal-*purchase orders* li fadal, skont l-*items* elenkati fl-imsemmija skeda.

9.4. Tressqet skeda ta' pagamenti li tkopri bejn l-13 ta' Lulju u d-9 ta' Awwissu 2019.

9.5. Tressqet wkoll b'mod separat, skeda ta' infieq li sar perezz tal-*Petty Cash* bejn id-29 ta' Ġunju u s-27 ta' Lulju 2019.

9.6. Il-Kunsill approva l-akkwist u l-pagamenti kollha fit-tliet skedi msemmija. Kien hemm qbil li l-Iskeda tal-Pagamenti għandha tiġi ppubblikata permezz tas-sit elettroniku: https://localgovernmentcms.gov.mt/en/lc/Mellieha/Pages/Publications/Minutes.aspx

## AĠĠORNAMENT

Bi ftehim bejn dawk preżenti, is-seduta spiċċat fil-11.00 pm u ġiet aġġornata għal nhar l-Erbgħa 11 ta' Settembru 2019 fis-6.00 pm.

Dario Vella
**Sindku**

Carmel Debono
**Segretarju Eżekuttiv**